

31995E0515

11.12.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 298/1

**POŻIZZJONI KOMUNI****ta' l-20 ta' novembru 1995****kif deċiża mill-Kunsill fuq il-bażi ta' l-Artikolu J.2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, fuq in-Niġerja**

(95/515/CFSP)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu J.2 tiegħu,

IDDEĊIEDA IL-POŻIZZJONI KOMUNI KIF ĠEJ:

1. Jikkundanna l-eżekuzzjoni, fl-10 ta' Novembru, tas-Sur Ken Saro-Wiwa u t-tmienja oħra akkużati miegħu. Din ikkostitwiet nuqqas ċar minn Niġerja milli tirrispetta l-impenn tagħha għad-drittijiet umani, kif jōhroġ minn għadd ta' strumenti internazzjonali li għalihom in-Niġerja hija msieħba fihom.
2. L-Unjoni Ewropea tikkundanna l-abbużi mid-drittijiet umani mwettqin mir-reġim militari, inkluża l-piena kapitali u sentenzi ħorox ta' priġunerija, implimentati wara proċess ġudizzjarju karatterizzat minn nuqqasijiet u mingħajr l-ġħoti tal-possibbiltà ta' rikors lejn qorti superjuri. F'dan il-kuntest, tesprimi t-taħsib tagħha partikolari dwar id-detenzjoni mingħajr proċess ġudizzjarju ta' figuri politiċi u s-sospensjoni tal-habeas corpus.
3. L-Unjoni Ewropea tfakkar it-tħassib serju tagħha dwar l-annullament f'Ġunju ta' l-1993 ta' l-elezzjonijiet li kienu kkonsidrati ħielsa u imparzjali u l-istallazzjoni sussegwenti tad-dittatorjat militari ġdid. Tinnota li reġim militari għadu ma weriex b'mod li jikkonvinċi l-intenzjoni tiegħu li jerġa' lura għal ħakma ċivili demokratika f'perjodu ta' żmien kredibbli u mgħaġġel u:

(a) ittenni l-miżuri li ġejjin adottati fl-1993:

- sospensjoni ta' koperazzjoni militari,
- restrizzjonijiet fil-ħruġ ta' visa għall membri militari jew għall-forzi tas-sigurtà, u l-familji tagħhom,

— sospensjoni taż-żjajjar ta' membri tal-militar,

— restrizzjoni fil-moviment fil-personal tal-missjonijiet diplomatiċi Niġerjani,

— taħsira tal-korsijiet ta' taħriġ għal personal militari Niġerjan kollu,

— sospensjoni taż-żjajjar kollha ta' livell għoli għan-Niġerja u minnha li ma jkunux indispensabbli;

(b) tintroduċi l-miżuri addizzjonali li ġejjin:

(i) restrizzjonijiet fil-ħruġ ta' visa għall membri tal-Kunsill ta' Ħakma Proviżorju u tal-Kunsill Esekuttiv Federali u l-familji tagħhom,

(ii) embargo fuq armi, munizzjon u tagħmir militari <sup>(1)</sup>.

4. Il-koperazzjoni man-Niġerja għall-iżvilupp huwa sospiż. Eċċezzjonijiet jistgħu jsiru għal proġetti u programmi li jappoġġjaw drittijiet umani u d-demokrazija kif ukoll dawk li jikkonċentraw fuq it-taffija tal-faqar u, partikolarment, il-forniment ta' ħtiġijiet bażiċi għall-ifqar biċċa tal-popolazzjoni, fil-kuntest ta' koperazzjoni deċentralizzata permezz ta' awtoritajiet lokali ċivili u organizzazzjonijiet mhux tal-gvern.

5. Din il-Pożizzjoni Komuni ser tkun immonitorjata mill-Kunsill, li għalih il-Presidenza u l-Kummissjoni sejrjn jirrapportaw regolarmet, u jkun rivedut fid-dawl ta' żviluppi fin-Niġerja. Miżuri oħra qegħdin jiġu assessjati.

<sup>(1)</sup> L-embargo msemmi aktar 'il fuq ikopri armi maħsuba biex joqtlu u l-ammunizzjon tagħhom, pjattaformi għall-armi, pjattaformi li ma jkunux għall-armi u tagħmir anċillarju. L-embargo jkopri wkoll partijiet, tiswija, manutenzjoni u trasferiment ta' teknoloġija militari. appalti miftehma qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' l-embargo m'humieux affettwati minn din il-Pożizzjoni Komuni.

- 
6. Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tidħol fis-seħħ fl-20 ta' Novembru 1995. Magħmula fi Brussell, fl-20 ta' Novembru 1995.
- Għall-Kunsill*
7. Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tkun ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
- Il-President*  
J. SOLANA
-